**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN**

**26 ta' Marzu, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**24.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

24.1.1 Fir-rigward ta' punt 23.1.5 il-Kunsill Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tan-nuqqas ta' fondi allokati u r-reġistru tal-assi taż-Żurrieq. Ir-risposta mis-Segretarju Eżekuttiv kienet fin-negattiv. Hi ntalbet terġa tibgħat reminder fuq dan il-każ, wara li għaddew xahrejn u l-Kunsill għadu mingħajr tweġiba.

24.1.2 F'dan il-punt tqajjem ukoll li wara sena u nofs il-kunsill għadu mingħajr risposta fuq id-deċiżjoni li għandu jieħu l-bord tal-appell fuq it-Tender tat-tindif tat-toroq mhux urbani. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb lis-Segretarju Parlamenti Onor. Jose' Herrera fir-rigward.

Is-Sindku qal li tkellem mas-Segretarju Personali tal-Onorevoli

Herrera, fir-rigward tas-suġġett, imma s'issa għad m'għandux risposta.

24.1.3 Fir-rigward ta' punt 23.4.1, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wara li l-Kunsill kiteb lir-Reġjun fuq il-problema ta*l-wardens* wara l-mina, dawn ma baqgħux ikunu frekwenti wara l-mina.

Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li din il-ġimgħa *wardens* kienu qed iduru fil-Misraħ jagħtu ċitazzjonijiet lil dawk li kienu qed jifqu kemm jifqu jixtru ħobża.

Kien hemm qbil ma' din is-sistema ġaladarba jingħataw ċitazzjonijiet lil dawk li jagħmlu kontravenzzjonijiet.

24.1.4 Fir-rigward ta' punt 23.5.2, il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta fuq jekk il-ħin li vettura tista tkun ipparkjata fuq *un/loading bay* f'Misraħ Repubblika hux ser ikun miżjud minn 3 minuti għal 15 –il minuta. Is-Segretaru Eżekuttiv wieġbet li ir-risposta verbalment kienet li kull fejn f'Malta hemm CCTV il-ħin biex tipparkja hu ta' massimu ta' 3 minuti.

24.1.5 Fir-rigward ta' punt 23.13.1, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Meusac toffri servizz bla ħlas fuq mili ta' applikazzjonijiet fuq fondi mill-EU.

24.1.6 Il-minuti ta' seduta 23 ġew approvati.

***24.2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 46.***

24.2.1 Fir-rigward ta' punt 47.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li waqt is-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, kien hemm qbil unanimu li l-punt ta' *patching* ħażin u dewmien fix-xogħol mill-Kumpanija Polidano Brothers mhux tollerabbli iżjed.
Kien hemm qbil li ċertu xogħol ilu ordnat aktar minn xahrejn u għadu ma sarx.

Kien hemm qbil li minħabba li din is-sitwazzjoni tinsab madwar iż-Żurrieq kollu u mhux f'Bubaqra biss, tinħareġ l-ewwel *default notice* lill-Kuntrattur.

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li jekk il-Kunsill jiġi f'pożizzjoni li joħroġ *tender* oħra ta' patching, jiġi kkunsidrat li x-xogħol isir b'*hot asphalt* f'dawk it-toroq li huma *hot asphalt*, ħalli x-xogħol isir tajjeb.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li bħalissa kull fejn ikun hemm bżonn ta' patching f'toroq bil-*hot asphalt*, il-*patching* qed isir *b'hot asphalt* u f'oħrajn isir bil-*cold*.

24.2.2 Ġew approvati l-minuti numri 46.

**24.3 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani u Kultura**

24.3.1 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat imsemmija.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato pporpona li l-Kunsill jikteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Oliver Farrugia tas-sehem tiegħu fis-sotto kumitat Kultura u Turiżmu u f'xogħol ieħor li jinvolvi 'l-Kunsill. Is-Sur Farrugia mhux ser jibqa membru fis-Sotto kumitat Kultura u Turiżmu.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għal darb 'ohra jfaħħar l-inizjattiva li ħa l-Kunsillier Joseph D'Amato fuq l-orkestra taż-Żurrieq u staqsa fuq l-aħħar paragrafu tal-minuti tal-Kultura fejn jgħid 'Dr Chirs Role issuġġerixxa li s-Sotto Kumitat jikkunsidra li l-orkestra tiġi maqlugħa għal servizzi waqt il-festi madwar Malta biex b'hekk l-orkestra jkollha l-fondi sabiex tikber u tinvesti f'iktar strumenti u attivitajiet ta' livell ogħla.'

Kien hemm qbil li dan il-punt għandu jerġa jitressaq f'seduta oħra u jkun parti mill-aġenda.

**24.4 Approvazzjoni tal-Minuti Reġjun Nofsinhar u tal-Gal Xlokk**

24.4.1 Ġew approvati l-minuti numru 5 laqgħa tar-Reġjun Nofisnhar u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 43.

***24.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

24.5.1 Is-Sindku qal li din il-ġimgħa ġie ffirmat il-kuntratt ta' Miżura 125 li jikkonċerna trejqa fil-kampanja. Liema trejqa tinsab fl-akwati ta' Ħal Far. Ix-xogħol mistenni jibda wara April.

24.5.2 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Edukazzjoni u Xogħol, kien infurmat li l-Gvern ser joħroġ strateġiji ġodda għas-snin 2014 – 2024. Hu għadda ktejjeb fuq din l-istrateġija, lill-Kunsillier Vincent Marmara, li hu inkarigat mill-Edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill u żied jgħid li l-edukazzjoni fiż-Żurrieq, skont analiżi li sar hi għolja pparagunata ma' rħula oħra.

24.5.3 Is-Sindku faħħar ix-xogħol li għamlu l-Kunsillier Joseph D'Amato u s-Segretarju Eżekuttiv fuq il-proġett ta' Ħal Millieri u li kien inawgurat il-Ħadd 23 ta' Marzu, 2014.

F’dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia, li kien avża li ser jittardja. (ħin 19:00)

24.5.4 Is-Sindku ressaq proposta mressqa lilu personali mis-Sur Alfred Camilleri – Segretarju Fondazzjoni 175. Is-Sur Camilleri qal li l-Fondazzjoni 175 twaqqfet sabiex tieħu ħsieb tfakkar il- 175 sena mill-wasla tal-istatwa tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa r-raħal taż-Żurrieq. Liema anniversarju jintlaħaq fis-sena 2017. Hu talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir mafkar ġewwa Misraħ Mattia Preti. Il-mafkar propost hu ta’ daqs 3metri wisa’ b’għoli b’kollox ta’ 9 metri.

Saret diskussjoni fuq il-ħsara li jista jkun hemm fil-bankijiet eżistenti u li għadu kemm installa l-Kunsill. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li minħabba li l-materja li qed tiġi proposta mhix materja ħafifa, jħoss li kif sar f’seduti preċedenti, materji ta’ ċertu mportanza jkunu mniżżla fl-Aġenda ħalli l-Kunsilliera jkollhom ċans jirriflettu fuqhom qabel ma jiġu għas-seduta. Hu żied jgħid li l-Kunsilliera għandhom ikunu jafu fuq x’hiex ser jitkellmu waqt is-Seduta, speċjalment fuq materji bħal dawn. Fuq dan il-punt il-Kunsillier Joseph D’Amato qal li għalkemm illum ma jħossx li ser isib oġġezzjoni fuq dan il-mafkar, jaqbel mal-Kunsillier Dino Bonnici li fil-prinċipju l-Kunsill dejjem mexa li affarijiet serji jitniżżlu fuq l-aġenda.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-Kunsill irid jara ukoll x’impatt ser ikun hemm fuq ir-residenti tal-akwata minħabba li dan il-mafkar ser ikun permanenti u mhux għal waqt il-festi biss.

Il-Kunsillier David Abdilla ppropona li l-Perit tal-Kunsill għandu joħroġ rapport fuq il-materja u jitressaq fis-seduta li jmiss.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

24.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq seminar li ser isir fit-8 ta’April, 2014 fuq it-teknoloġija u s-sistema dwar it-tmexxija tat-tiswijiet fit-toroq.

24.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn resident biex isir wiċċ ġdid ta’ bankina fi Triq il-Benedittini k/m Triq Frangisk Coleiro. Hi qalet li marret fuq il-post u ħadet ritratti tal-bankina mitluba (Dok 1-5 mehmuż) u ta’ bankina oħra fi Triq il-Benedittini (Dok 6-7 mehmuż), li rat li hi fi stat diżastruż u li l-Kunsill ma kellux talba biex issir.

Ġew murija r-ritratti lill-Kunsilliera.

Kien hemm qbil unanimu li l-bankina mitluba tinsab fi stat tajjeb ħafna ħlief għal kantuniera żgħira u li għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ ordni biex issir il-kanutinera tagħha biss u l-bankina l-oħra ta’ Triq il-Benedittini.

24.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' patching fi Triq il-Karmnu quddiem dar numru 97, li minħabba li skont il-perit tal-Kumpanija Polidano Brothers hemm bżonn ta' patch kbira. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Perit tal-Kunsill u jitolbu stima tax-xogħol u tali stima titressaq b'email lill-Kunsilliera, għall-approvazzjoni.

24.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-ġimgħa li għaddiet ġie ffirmat il-protest ġudizzjarju fuq it-tabella tal-Merħba Żurrieq ta' fejn il-Mitħna tax-Xarolla.

24.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mill-HSBC fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill biex jipprovdi post sabiex isiru laqgħat u għajnuna f'mili ta' applikazzjonijiet għal-reklutaġġ fil-*call centre* tal-HSBC.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jipprovdi l-garaxx tal-uffiċċju amministrattiv għal dan is-servizz.

24.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra ta' informazzjoni fuq esebizzjoni dwar il-belt Rumana 'Melite' (ir-Rabat u l-Imdina tal-lum), li ser issir f'Palazzo Castelleti fir-Rabat.

24.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment li sar minn Transport Malta biex isir *double line* fi Vjal il-Blue Grotto, minħabba inċidenti li qed isiru frekwenti.

Kien hemm qbil ma' dan is-suġġeriment.

24.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mibgħutha minn Transport Malta fejn il-Kunsill intalab jgħatti t-tabelli li saru 'one way' fi Triq Dun Ġwann Camilleri, minħabba li skont TM tali tabelli ma kienux approvati.

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jaqbilx li jgħatti tali tabelli minħabba li l-Kunsill:

- kien ħa parir minn TM biex it-*traffic management* propost mill-Kunsill (dak iż-żmien Ġunju 2013) jitqassam bieb bieb madwar iż-Żurrieq kollu permezz tal-Kunsill News,
- ħadd mir-residenti ma oġġezzjona mal-Kunsill formalment
- is-sistema minn kemm ilha titħaddem, ma kienx hemm inċidenti
- jekk jitgħattew it-tabelli jista jkun hemm xi inċident u l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għalihom

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tat-TM għat-talba kollha li kien għamel il-Kunsill dak iż-żmien biex is-sitwazzjoni tkun regolarizzata.

24.5.13 Is-Sindku qal li dak inhar tal-ftuħ ta' Ħal Millieri ltaqa' ma' Dr Farrugia Randon li offra affarijiet konnessi ma' sajd għall-okkażjoni ta' Festa Ħut u jekk il-Kunsill ikollu post adekwat ikun lest li joffrihom bla ħlas għall-esebizzjoni permanenti.

Is-Sindku qal li llum indifnet waħda mill-ewwel persuni li għixu fiż-Żurrieq, fl-inħawi ta' Ħal Millieri. Tali ġisem, kien qed isir studju fuqu minn xjentisti u illum saret id-difna fil-kappella tal-Annunzjata f'Ħal Millieri, fil-preżenza ta' Dun Raymond Cassar.

24.5.14 Is-Sindku qal li wara ħafna xogħol u ġiri wara l-ħaddiema tal-Public Works u wara l-ispejjeż ta' żebgħa li nefaq il-Kunsill fil-funtanta ta' Vjal il-Blue Grotto, issa bdiet taħdem. Hu ppropona li jekk jerġa jinqala l-ħsara fiha, jissuġġerixxi tinqala' u ssir waħda sempliċi bħal mhu qed isiru dan iż-żmien u bħal ma hemm fir-roundabout tal-Marsa u ta' Raħal Ġdid.

24.5.15 Is-Segretarju eżekuttiv qalet li xi sena ilu l-Kunsill kien approva li ssir bozza ġdida viċin l-*head quarters* tal-*iscouts.* Tressqet għall-approvazzjoni tal-Enemalta u ġiet approvata ukoll, imma meta l-Kuntrattur waħħal l-arblu bil-bozza, l-Enemalta qalet li l-*cable* irid isir taħt l-art minħabba li l-post hu ODZ. L-ispejjeż involuti kienu ser ilaħħqu l-€5,000 u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waqqfet il-proċess. Il-kuntrattur Nexos informa li setgħa jwaħħal bi prova, bozza li taħdem b'enerġija solari u li tiġi tiswa €2,400. Jekk tali bozza taħdem sew, il-Kunsill ikun lest li jħallas in-nofs tal-prezz mitlub mill-Enemalta.

Kien hemm qbil fuq dan.

***24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Sejħa għall-offerti: Collection of Mixed Household waste 2014-2018***

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva lill-Kunsill li jista joħroġ it-tender tal-ġbir tal-iskart domestiku. Kien hemm qbil li dan joħroġ fuq il-bażi li l-iskart jinġabar erba' t'ijiem fil-ġimgħa u jibda mil-ewwel ta' Ġunju 2014.

***24.7*** **Tiġdid ta' Kuntratti: RC67/02/12 Street sweeping and cleaning services**
**ML67/03/12 Maintenance of Public Gardens Lighting Systems and other ancillary services.**

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratti imsemmija waslu biex jiġu mġdedda.

Kien hemm qbil li tali kuntratti għandhom jiġu mġedda għal sena oħra u kull darba li ssir l-ordni għax-xogħol għandha tiżdied il-klawżola li tali xogħol għandu jitlesta fi żmien 15 –il ġurnata.

### *24.8 Ġieħ iż-Żurrieq*

24.8.1 Is-Sindku qal li l-attivita' ta' Ġieħ iż-Żurrieq ser issir fit-28 ta' Mejju, 2014, fejn fost l-oħrajn ser tkun preżenti l-orkestra tal-Kunsill, ser isir launching tal-Ktieb 'Il-Vizta Pastorali ta' Mons. Dusina fil-parrocca taz-Zurrieq 1575' minn Horatio Ceaser Roger Vella'.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għall-membri tal-orkestra, ser tkun diffiċli li jipparteċipaw fl-attivita' ta' Ġieħ iż-Żurrieq, minħabba li f'dawk iż-żminijiet ser ikunu għaddejjien bl-eżamijiet.

24.8.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima, qalet li tikkonferma dak li hi pproponiet fis-seduta preċedenti li waħda minn dawk nominati għal Ġieħ iż-Żurrieq tkun is-**Sinjura Doris Zahra**. Hi qalet li Doris Zahra tieħu ħsieb ħafna l-akwata tal-Bebbux fejn issaqqi, tneħħi l-ħaxix ħażin minn madwar il-grawnds u ttiżra ħwawar u tirrapporta lill-pulizija, b'kull vandaliżmu li tiltaqa' miegħu.

24.8.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel mal-Viċi Sindku fuq in-nomina tas-Sinjura Doris Zahra. Hu qal li filfatt hi waħda li kien ser jinnomina hu ukoll. Hu żied jgħid li s-Sinjura Zahra ila snin tieħu ħsieb is-siġar tal-akwata tal-Bebbux u tnaddaf ir-reċipjenti ta' madwar il-grawnds u tissepara l-iskart tagħhom. Dan kollox b'mod volontarju.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qabel ma din in-nomina u żied jgħid li Kunsill preċedenti kien kiteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sinjura għax-xogħol volontarju li tagħmel.

24.8.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato nnomina lil dawn il-persuni ukoll għal ġieħ iż-Żurrieq:

**Is-Sur Benny Schembri** – Għall-ammont ta' snin ħa ħsieb il-Kappella ta' San Ġwann, billi jnaddafha u jieħu ħsieb il-madwar tagħha. Jmur f'ħinijiet diversi biex jara li ma jsirux atti vandali fuq il-kappella u l-madwar. Jirrapporta fejn ikun meħtieġ. Din il-persuna hi waħda li tieħu ħsieb il-wirt kulturali u storiku taż-Żurrieq.

**Din l-art ħelwa** – Jieħdu ħsieb il-kappella tal-Annunzjata u l-wirt patrimonjali taż-Żurrieq. Dejjem kienu lesti li jagħtu l-għajnuna tagħhom f'dak li jkollu bżonn il-Kunsill.

**Is-Sur Tony Mangion** – Ilu snin jaħdem u jieħu ħsieb l-Kappella tal-Annunzjata u jiftaħha kull xahar għall-quddies. Jieħu ħsieb ukoll il-madwar tal-Kappella f'dak kollu li jkun hemm bżonn.

**Is-Sur Mark Tonna** - Tul is-snin stabbillixxa ruħu bħala wieħed mill-kantanti ewlenin ta' pajjiżna. Dan l-aħħar ukoll ġie kklassifikat fit-

tieni post fil-Festival tal-Kanzunetta Maltija. B'hekk kompla kabbar ir-reputazzjoni tiegħu u għamel unur lir-raħal twelidu.

**Is-Sinjura Marisa D'Amato** – Kabret l-isem tagħha u taż-Żurrieq bħala kantanta ewlenija fil-gżejjer tagħna. Dan l-aħħar ħadet sehem u għamlet suċċess f'show tal-Mużika Country barra minn pajjiżna.

**Is-Surmast Mauro Farrugia** – Kompożitur tal-mużika, li ħa premju internazzjonali meta ħa sehem f'kompetizzjoni internazzjonali fl-Amerika.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona ukoll li jingħataw ċertifikati ta' mertu bħala apprezzament lill-persuni kollha li taw xi għamara antika, bla ħlas lill-Kunsill biex tibqa' fil-Mitħna tax-Xarolla u lill-mużiċisti kollha tal-Orkestra tal-Kunsill.

24.8.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona lis-**Sur Sur Adrian Agius**, li joqgħod iż-Żurrieq. Is-Sur Agius ħa sehem f'inizjattiva u kompetizzjoni internazzjonli biex jippromwovi l-enerġija solari. Is-Sur Agius dawwar ir-residenza tiegħu b'enerġija solari u fost 8000 applikant madwar l-Ewropa ġie fit-tieni post wara parteċipant Grieg.

24.8.5 Is-Sindku qal li l-**Ex membri tal-Kunsil** li kienu fil-Kunsill fil-leġiżlatura preċedenti, kollha ser jingħataw Ġieħ iż-Żurrieq.

Is-Sindku ppropona ukoll lis-**Sinjorini Rose u Carmen Mifsud** li b'mod volontarju jieħdu ħsieb żew familji fil-bżonn, billi jaħslulhom, isajrulhom u joffrulhom dak kollu li jkollhom bżonn. Dan qed jagħmluh minn qalbhom u b'mod umanitarju.

24.8.6 Il-Kunsillier Raymond Grixti ppropona liż-żewġ persuni Żrieraq/joqgħodu ż-Żurrieq u li nħatru Maġistrati.

F'dan il-ħin minħabba kunflitt ta' interess il-Kunsillier Dr Claudio Zammit ħareġ mis-seduta.

Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil li ż-żewġ persuni imsemmija, minkejja li għamlu unur liż-Żurrieq jingħataw tali ġieħ, minħabba li x-xogħol tagħhom mhux volontarju.

Kif spiċċat id-diskussjoni l-Kunsillier Dr Claudio Zammit reġgħa daħal għas-seduta.

24.9.7 Il-Kunsillier Rita Bellizzi ppproponiet lis-**Sinjura Polly Galea** li b'mod volontarju tiġbor grupp ta' persuni biex jagħmlu xogħol ta' knitting u x-xogħlijiet tagħhom jitqassmu fil-Milied lill-anzjani 'l fuq minn 80 sena. Il-Kunsill la jħallas għax-xogħol u l-anqas għas-suf li jintuża.

Kien hemm qbil li s-Sinjura Polly Galea tingħatha ċertifikat ta' mertu.

### 24.9 *Korsijiet tal-komputer*

24.9.1 Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li kellu laqgħa mas-Sur Ray Abela tal-kumpanija TCTC fejn infurmah li skont statistika li nġabret fl-aħħar sena ta' korsijiet li saru, kien hemm 13 –il student minn irħula oħra li attendew għall-korsijiet fiż-Żurrieq, filwaqt li kien hemm 18 –il student Żurrieqi li attendew f'korsijiet barra miż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li l-aħħar kors li sar fiż-Żurrieq, ipparteċipaw 125 student li ħalsu kollha €5 –il wieħed għall-infieq tal-amministrazzjoni tal-Kunsill. B'dawn il-flus il-Kunsill ikun fedgħa l-ispejjeż tal-kuntratt li kien għamel mal-Kumpanija TCTC.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ried jiġbed l-attenzjoni fuq punt ta' korrezzjoni, li l-Kunsill ma jonfoqx biss l-ispiża li hemm imniżla fil-Kuntratt li hi ta' €1,150, imma hemm ukoll l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma li jintuża waqt lil-kors, insurance tal-komputers, internet, distribuzzjoni tal-leaflets, l-ispejjeż involuti għal-laqgħa preliminari u spejjeż tal-iskrivana li tagħmel ix-xogħol ta' reġistrazzjoni.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qabel li l-*overheads* għandhom ikunu ikkunsidrati ukoll u li l-Kumpanija msemmija m'għandiex tuża lill-Kunsill biex ixxerred reklam li l-korsijiet provduti huma bla ħlas.

Is-Sindku u l-Kunsillier Raymond Grixti qablu li l-Kunsill għandu jaħdem biex jippromwovi l-edukazzjoni fit-tfal u biex jonqos l-illiteriżmu.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-klawżola minn paġna 8 ' The fee of €1,150 covers a maximum of 85 applicants. Should more applications received, TCTC will charge €15 for any additional applications to the local council.' Għandha tiġi emendata li l-kunsill ma jħallasx għall-applikazzjonijiet li jeċċedu l-85. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsillier Marmara jitkellem mat-TCTC biex jipprova jġib deal aħjar u bl-istess prezz jinkludi korsijiet oħra, bħal ma għamel fis-sena li għaddiet.

F'dan il-ħin is-Sindku flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ħarġu mis-seduta għax kellhom impenn ieħor. (ħin 20:45)

Kompliet tippresjedi s-seduta, l-Viċi Sindku Rita Grima.

### 24.10 *Cirkulari AKL13/2014 – Skema A+ Accessibility Award*

24.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskema A+ Accessibility Award, li kienet diġa qassmet lill-kunsilliera kollha meta ġiet riċevuta.

Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li tkellmet ma' persuna mill-Ministeru

għall-Anzjani fejn infurmatha li l-proġetti jridu jkunu biex persuni b'diżabbilta' jkollhom aċċess għal postijiet bżonnjużi, fosthom bankini bir-ranep fejn hemm il-banek, ATMs, knejjes etc.

Kien hemm qbil li minħabba li tali proġett jinvolvi ħafna xogħol u fondi u minħabba li ż-żmien tal-applikazzjoni hu limitat, il-Kunsill ma jieħux sehem f'tali applikazzjoni.

***24.11 Eco Wardens***

24.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar u li tikkonċerna l-*Eco Wardens*. Il-Kunsill intalab jagħddi lista ta' postijiet u ħinijiet fejn jixtieq is-servizz tal-*Eco Wardens.*

Unanimament il-Kunsill qabel li s-siegħa għas-servizz tal-Eco *wardens* fiż-Żurrieq, għandhom jitqassmu fil-ġranet tat-Tlieta u l-Ħamis bejn is-7.00 u 9.00am ta filgħodu.

Wara li l-Kunsill naqqas il-ġranet tal-ġbir ta' skart bieb bieb, tal-borża s-sewda, innota li għalkemm ir-residenti kollha ġew infurmati b'dan, xorta fadal min għadu qed joħroġ il-borża kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. Għalhekk kien hemm qbil unanimu li l-*Eco Wardens* jagħtu is-servizz tagħhom kull nhar ta' Tlieta u Ħamis u residenti li jinqabdu joħorġu l-iskart f'dawn il-ġranet jkunu l-ewwel imwissija.

Żewġ postijiet li frekwentament qed ikunu bi skart fil-ġranet imsemmija huma quddiem St Agatha Complex fi Vjal l-Indipendenza u fi Triq il-Qiegħa f'Bubaqra. L-attenzjoni hi mehtiega madwar ir-raħal kollu, imma b'mod speċjali f'dawn iż-żewġ postijiet, sakemm l-Kunsill jaqbel jagħti struzzjonijiet oħra.

Għandha tinkiteb talba fis-sens mitkellem.

***24.12 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

24.12.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima ssuġġeriet li ssir mera fi Triq Rokku Buhagiar k/m Triq San Pawl. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

24.12.2 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li hemm bżonn li tinbidel tabella li tindika 'Ġnien il-Ġibjun' li tinsab fi Triq il-Barrieri , minħabba li tinsab miksura. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

24.12.3 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-aħħar ħarġa tal-anzjani li organizzat reġgħet kienet suċċess u kellha kliem ta' tifħir għal mod kif ġabu ruħhom iż-Żrieraq waqt l-ikla. L-anzjani ħadu ġost meta ittieħdu il-

Valletta Glass f'Ta' Qali.

Il-Kunsillier Rita Bellizzi qed taħdem biex għal waqt il-Ġimgħa mqaddsa torġanizza ġita oħra li tikkonċerna l-Ġimgħa l-Kbira.

24.12.4 Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li kellu laqgħa mal-Inġinier Gino Micallef mill-WSC, flimkien ma xi ħaddiema mill-istess korporazzjoni, stazzjonati fuq xogħol fiż-Żurrieq. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Grixti wera d-diżapprovazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol ta' *reinstatment* li jsir wara li jkun hemm xi ħsarat fit-toroq. Hu żied jgħid li minn wara din il-laqgħa, nnota li x-xogħol qed ikun aktar sodisfaċenti.

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li kien irrapporta rwejjaħ fl-akwata tar-residenza tiegħu u l-WSC sewwew il-ħsara li kienet ġejja minn sprall fi Triq Kalanġ Saliba.

24.12.5 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia talab rendikont tal-kont li l-Kunsill kellu fuq servizz ta' pulizija f'Jum iż-Żurrieq tas-sena 2013 u kemm kien ħallas il-Kunsill.

Tali rendikont ser tipprovdih is-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' email.

24.12.6 Il-Kunsillier Vincent Marmara nforma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 17 ta' Mejju, fit-8.30 ta' filgħodu, il-Kunsill ser jorganizza attivita' ta' qari fl-iskola primarja San Benedittu.

24.12.7 Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li l-Gvern is-sena l-oħra kien ħareġ sejħa għal interess f'Child Care Centres fiż-Żurrieq, fejn kienet ħarġet tender u wara ftit xhur ġiet imħassra. Il-Kunsill, fis-6 ta' Diċembru, 2013 kien irċieva email mingħand is-Sur Anthony Muscat – uffiċċjal fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn tgħid li fiż-Żurrieq mhux ser isir Child Care Centre fl-iskola, kif kien ipproġettat, minħabba li fir-raħal hemm diġa żewġ ċentri privati eżistenti.

Il-Kunsillier Claudio Zammit saħaq li żewġ Child Care Centres fiż-Żurrieq, mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu mat-talba tal-ammont ta' tfal li għandu ż-Żurrieq. Hu żied jgħid li issa li għalqu l-applikazzjonijiet għall-iskema ta' Child Care b'xejn, il-Gvern hu f'pożizzjoni aħjar biex ikun jaf kemm hemm applikanti li huma miż-Żurrieq. Il-Kunsillier Claudio Zammit, ppropona li l-Kunsill jerġa jikteb, din id-darba lill-Ministru tal-Edukazzjoni, fejn jitlob li jerġa jikkunsidra l-proposta li kellu s-sena l-oħra, meta jikkunsidra li ż-Żurrieq hu raħal kbir u hemm bżonn li jkun hemm Child Care Centre imħaddem mill-Gvern.

Kien hemm qbil fuq dan.

24.12.8 Il-Kunsillier Claudio Zammit ressaq ilment li fi Sqaq fi Triq San Mikiel hemm bżonn li titwaħħal tabella biex ma jintremiex skart.

Kien hemm qbil li titwaħħal tali tabella.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Vincent Marmara ħareġ mis-seduta ( 21:22)

24.12.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici informa lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier David Abidlla, kellhom laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Stephan Bountempo, fejn indikawlu l-problemi u l-istat ġenerali, li hemm fil-kumpless tal-Bebbux u pproponew li jsir 'Out door gym'.

L-Onorevoli Bountempo, qabel mal-proposta tal-Kunsill u qal li fil-ġranet li ġejjien ser joħroġ skema li f'kull raħal għandu jkun hemm 'Out door gym'.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna li toħroġ l-iskema biex ikun jista japplika għall-fondi.

24.12.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kellu laqgħa ma' membri mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fejn tqajmu dawn il-punti:

- Intalbet għajnuna għal *One day tournament* li ser isir fl-iskola. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li minħabba li l-Kunsill ma jistax jagħti din it-tip ta' għajnuna, ser ikellem lill-kap tal-iskola u jipprova jikkonvinċieh biex iżomm miżata raġonevoli.
- Il-problema tas-CCTV f'Misraħ Repubblika – Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb kemm lir-Reġjun Nofsinhar u kemm lil Transport Malta u jitlob biex il-ħin li wieħed għandu jipparkja fil-un/loading bay ikun ta' mhux inqas minn 15 –il minuta. Din it-talba għandha tintbagħat ukoll għall-attenzjoni taż-żewġ Soċjetajiet biex ikunu jafu x'qed jipprova jagħmel il-Kunsill.

24.12.11 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kellu laqgħa mal-Malta Racing Club fejn għamlu proposta li jorganizzaw iċ-Challange Cup fiż-Żurrieq. Hu qal li ser iġib aktar informazzjoni f'seduti oħra.

24.12.12 Il-Kunsillier Dino Bonnici nforma l-grupp tal-Minors taż-Żurrieq FC ġew promossi mit-tielet sezzjoni għat-tieni sezzjoni. Il-Kunsillier Bonnici ppropona li waqt seduta tal-Kunsill li jmiss, il-Kunsill għandu jagħti rikonoxximent ta' din il-promozzjoni.

Kien hemm qbil fuq dan.

24.12.13 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq is-sekwestru li għandu s-Sindku Ignatius Farrugia u li tali informazzjoni waslet fil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sekwestru li sar fuq is-Sindku m'għandux x'jaqsam mal-Kunsill, imma hi min-naħa tagħha mhux qed toħroġ il-pagament tal-onorarja tiegħu. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titkellem mal-Avukat tal-Kunsill biex jiggwidaha kif għandha tipproċedi.

**24.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

24.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 3'** għall-ammont totali ta' **€201,474.13.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mil-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsilliera Dino Bonnici u Pierre Farrugia.

**24.13 Data tas-seduta li jmiss.**

24.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21.40 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' April, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2014

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**